MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2236/2002

**S. Rausi Distributors Limited**

**Vs**

**Thomas Pisani**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u tmienja u tletin lira Maltija (Lm238), bilanc dovut wara li l-konvenut hareg cekk li ma giex onorat mill-bank u dan wara bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Jean Pierre Xerri in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-

gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u tmienja u tletin lira Maltija (Lm238), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez [mhux inkluzi d-drittijiet legali] huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**